32006R1961

30.12.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 408/1

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1961/2006

## tal-20 ta' Diċembru 2006

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1396/98 li jippreskrivi proċeduri sabiex jiġi applikat fis-settur tal-laħam tat-tjur ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/98 dwar l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/98 tas-7 ta' April 1998 fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li ġejjin mit-Turkija[2],

billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1396/98 jippreskrivi proċeduri sabiex jiġi applikat fis-settur tal-laħam tat-tjur ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/98 dwar l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija[3].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi r-regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ġestiti permezz ta' sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali][4] japplika għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-perjodi tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007. Ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jistabbilixxi b'mod partikolari dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni, l-istatus tal-applikanti u l-ħruġ tal-liċenzji. Dan ir-Regolament jillimita l-perjodu tal-validità tal-liċenzji sal-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja. Id-dispożizzjonijeit tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandu japplika għal-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1396/1998, ħlief meta dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor. Għalhekk huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament

---

1 ĠU L 282, 1.11.1975, p.77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006.
2 ĠU L 113, 15.4.1998, p.1.
3 ĠU L 187, 1.7.1998, p. 41. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1043/2001.
4 ĠU L 238, 1.9. 2006, p. 13.

(KE) Nru 1396/1998 jiġu allinjati mar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 meta jitqies xieraq.

(3) Biex titqies l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, huwa meħtieġ li tiġi prevista ż-żieda tar-referenzi bil-Bulgaru u bir-Rumen fuq l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u fuq il-liċenzji nnifishom.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1396/98 għandu għalhekk ikun emendat f'dan is-sens.

(5) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u għall-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1396/98 għandu jiġi emendat kif ġej:

1) LArtikoli 1, 2, 3, 4 u 5 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni tal-prodotti koperti bil-kodiċijiet tan-NM imsemmija fl-Anness I, miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 779/98.

2. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000[5] u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 għandhom japplikaw, ħlief meta dan ir-Regolament preżenti jipprovdi mod ieħor.

3. Il-kwantità tal-prodotti li jibbenifikaw mill-kwota msemmija fil-paragrafu 1 u t-tnaqqis fir-rata ta' dazju huma stipulati hawn fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Il-kwantità ffissata għal kull perjodu annwali għandha titqassam kif ġej, f'erba' subperjodi:

— 25 % mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu,

— 25 % mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju,

— 25 % mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru,

— 25 % mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru,

*Artikolu 3*

[5] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1.

1. Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikant għal liċenzja tal-importazzjoni, x'ħin iressaq l-ewwel applikazzjoni tiegħu rigward perjodu tal-kwota, għandu jagħti l-prova li, matul kull wieħed miż-żewġ perjodi msemmija fl-Artikolu 5 msemmi, ikun importa jew esporta tal-anqas 50 tunnellata ta' prodotti li jkunu jaqgħu taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2777/5.

2. L-applikazzjoni għal liċenzja tista' tkopri diversi prodotti koperti b'kodiċijiet tan-NM differenti. f'dan il-każ, il-kodiċi NM kollha għandhom ikunu indikati fil-kaxxa 16 u d-deskrizzjonijiet tagħhom fil-kaxxa 15 tal-applikazzjoni għal liċenzja u tal-liċenzja.

L-applikazzjoni għal liċenzja għandha tkopri tal-anqas 10 tunnellati u massimu ta' 10% tal-kwantità disponibbli għall-grupp ikkonċernat matul is-subperjodu kkonċernat.

3. Fil-kaxxa 8 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzja u l-liċenzji nfushom għandha turi l-pajjiż tal-oriġini u l-kelma "Iva" għandha tkun ingassataa b'salib.

4. Fil-kaxxa 20 tal-applikazzjoni għal-liċenzja u tal-liċenzja, għandha tingħata waħda mir-referenzi mniżżla fl-Anness II, il-parti A.

5. Il-liċenzja għandu jkun fiha, fil-kaxxa 24, waħda mir-referenzi li jingħataw fl-Anness II, il-parti B.

*Artikolu 4*

1. Applikazzjoni għal liċenzja ma tistax titressaq ħlief matul l-ewwel seba' ġranet tax-xahar qabel kull perjodu sekondarju msemmi fl-Artikolu 2.

Madankollu, għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu 2007, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jitressqu matul l-ewwel ħmistax-il jum tax-xahar ta' Jannar 2007.

2. Garanzija ta' 20 EUR għal kull 100 kilogramma għandha tiġi depożitata kontra l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni għal kull prodott indikat fl-Artikolu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xogħol wara dak ta' tmiem il-perjodu tat-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-kwantitajiet totali mitluba għal kull grupp, espressi f'kilogrammi.

4. Il-liċenzji għandhom jinħarġu malajr kemm jista' jkun wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali, il-kwantitajiet effettivament imqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa skont dan ir-Regolament matul il-perjodu kkonċernat għal kull grupp, espressi f'kilogrammi.

*Artikolu 5*

Il-liċenzji ta' importazzjoni huma validi għal 150 jum mid-data attwali tal-ħruġ effettiv taħt l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

Bla ħsara għall-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, it-trasferiment tad-drittijiet mogħtija bil-liċenzji huwa limitat għall-konċessjonarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stipulati bl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament preżenti.

"

2) L-Artikolu 6 għandu jitħassar.

3) L-Annessi I u II għandhom jinbidlu bl-Anness għal dan ir-Regolament.

4) Annessi III u IV għandhom jitħassru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006

*Għall-Kummissjoni*
*Mariann FISCHER BOEL*
*Membru tal-Kummissjoni*

**ANNESS**
**"Anness I**

| Nru tal-grupp | Nru tas-serje | Kodiċi NM | Tariffa doganali komuni applikabbli<br><br>(f'EUR/tunnellata) | Kwota tariffarja annwali<br><br>(f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|
| T1 | 09.4103 | 0207 25 10 | 170 | 1000 |
| | | 0207 25 90 | 186 | |
| | | 0207 27 30 | 134 | |
| | | 0207 27 40 | 93 | |
| | | 0207 27 50 | 339 | |
| | | 0207 27 60 | 127 | |
| | | 0207 27 70 | 230 | |

## Anness II

***A- Referenzi msemmija fl-Artikolu 3(4):***

*bil-Bulgaru :* Регламент (ЕО) № 1396/98.

*bl-Ispanjol :* Reglamento (CE) nº 1396/98.

*biċ-Ċek :* Nařízení (ES) č. 1396/98.

*bid-Daniż :* Forordning (EF) nr. 1396/98.

*bil-Ġermaniż :* Verordnung (EG) Nr. 1396/98.

*bl-Estonjan:* Määruse (EÜ) nr. 1396/98.

*bil-Grieg:* Κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1396/98.

*bl-Ingliż :* Regulation (EC) No. 1396/98

*bil-Franċiż :* Règlement (CE) nº. 1396/98

*bit-Taljan :* Regolamento (CE) n. 1396/98.

*bil-Latvjan :* Regulas (EK) Nr. 1396/98.

*bil-Litwan :* Reglamento (EB) Nr. 1396/98.

*bl-Ungeriż :* 1396/98/EK Rendelet.

*bil-Malti :* Ir-Regolament (KE) Nru 1396/98.

*bl-Olandiż :* Verordening (EG) nr. 1396/98.

*bil-Pollakk :* Rozporządzenia (WE) nr. 1396/98

*bil-Portugiż :* Regulamento (CE) n. 1396/98.

*bir-Rumen :* Regulamentul (CE) nr. 1396/98.

*bis-Slovakk :* Nariadenie (ES) č. 1396/98.

*bis-Sloven :* Uredbe (CE) št. 1396/98.

*bil-Finlandiż :* Asetus (EY) N:o. 1396/98.

*bl-Iżvediż :* Förordning (EG) nr. 1396/98.

## Anness II

### *B- Referenzi msemmija fl-Artikolu 3(5):*

*bil-Bulgaru :* намаляване на общата митническа тарифа съгласно предвиденото в Регламент (ЕО) № 1396/98.

*bl-Ispanjol* : reducción del arancel aduanero común prevista en el Reglamento (CE) no 1396/98.

*biċ-Ċek* : snížení společné celní sazby podle Nařízení (ES) č. 1396/98.

*bid-Daniż :* toldnedsættelse som fastsat i forordning (EF) nr. 1396/98.

*bil-Ġermaniż :* Ermäßigung des Zollsatzes nach dem GZT gemäß Verordnung (EG) Nr. 1396/98.

*bl-Estonjan:* ühise tollitariifistiku maksumäära alandamine vastavalt määrusele (EÜ) nr. 1396/98.

*bil-Grieg:* Μείωση του δασμού του κοινού δασμολογίου, όπως προβλέπεται στον κανονισμό (ΕΚ) αριθ. 1396/98.

*bl-Ingliż :* reduction of the common customs tariff as laid down in Regulation (EC) No 1396/98.

*bil-Franċiż :* réduction du tarif douanier commun comme prévu au Règlement (CE) nº. 1396/98.

*bit-Taljan :* riduzione del dazio della tariffa doganale comune a norma del regolamento (CE) n. 1396/98.

*bil-Latvjan :* Regulā (EK) Nr. 1396/98 paredzētais vienotā muitas tarifa samazinājums.

*bil-Litwan :* Bendrojo muito tarifo muito sumažinimai, nustatyti Reglamente (EB) Nr. 1396/98.

*bl-Ungeriż :* A közös vámtarifa csökkentése az 1396/98/EK rendelet alapján.

*bil-Malti :* tnaqqis tat-tariffa doganali komuni kif previst bir-Regolament (KE) Nru 1396/98

*bl-Olandiż :*Verlaging van het gemeenschappelijke douanetarief overeenkomstig Verordening (EG) nr. 1396/98.

*bil-Pollakk :* obniżenie cła WTC, jak przewidziano w rozporządzeniu (WE) nr 1396/98.

*bil-Portugiż :* redução da Pauta Aduaneira Comum como previsto no Regulamento (CE) n.o 1396/98.

*bir-Rumen :* reducerea tarifului vamal comun astfel cum este prevăzut de Regulamentul (CE) nr. 1396/98.

*bis-Slovakk :* zníženie spoločnej colnej sadzby v súlade s nariadením (ES) č. 1396/98.

*bis-Sloven :* znižanje skupne carinske tarife v skladu z Uredbo (ES) št. 1396/98.

*bil-Finlandiż :* Asetuksessa (EY) N:o 1396/98 säädetty yhteisen tullitariffin alennus.

*bl-Iżvediż :* nedsättning av den gemensamma tulltaxan i enlighet med förordning (EG) nr 1396/98."